MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 354/2005

Kawza fil-lista: 34

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' Marzu 2002, fil-Knisja ta' San Publiju, il-Furjana, skond kopja tac-Certifikat taz-zwieg hawn anness, esibit u mmarkat bhala Dok. A;

Peress illi l-kontendenti isseparaw fit-30 ta' Marzu 2005 permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Patricia Hall li jgib in-numru progressiv 10716/05;

Peress illi dan iz-zwieg huwa vizzjat minhabba biza, difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u l-obbligi taghha, u eskluzjoni pozittiva taz-zwieg jew ta' element fondamentali tieghu imputabbli unikament lill-konvenut, ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(a), (d), u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-Knisja ta' San Publiju, il-Furjana fis-17 ta' Marzu 2002 huwa null u bla ebda effett fil-Ligi ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(a), (d), u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut kuntrattat fis-17 ta' Marzu 2002 huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafi [a][d] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tixhed u taghtiha affidament.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-17 ta’ Marzu 2002 meta l-attrici kellha 20 sena u l-konvenut 22 sena. Huma diga’ kellhom tifel ta’ sena u l-attrici kellha xaharejn tqala mit-tieni tarbija. Jirrizulta li l-attrici, ghalkemm kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut, qatt ma kellha l-hsieb li tizzewweg lilu. Di fatti meta kellha l-ewwel tarbija hija rresistiet il-pressjoni tal-genituri taghhom li jizzewwgu, izda sussegwentement meta dawna saru jafu li dina kienet tqila bit-tieni tarbija, il-pressjoni fuqha kienet tant kbira li cediet u accettat li tizzewweg lill-konvenut. Il-genituri taghha kienu heddewha li jekk ma tizzewwigx kienu ser jawaqqfu s-sostenn li kienu qed jghatuha, u l-attrici tghid “Il-genituri taghna kienu jafu li wehedna ma stajniex infendu, u konna niddependu fuq l-ghajnuna taghhom, u wzaw l-uniku mezz li bih setghu jgieghluna nikkuntentaw lilhom; ghalkemm ma kienitx decizjoni taghna. Hassejt li ma kellix triq ohra ..” Aktar kmieni fl-affidavit taghha tghid: “ .. wara li kont tqila bit-tieni wiehed, il-genituri taghna ghafsuna hafna u ma stajtx nopponi ruhi izjed ghall pressjoni taghhom. Kont ghajjejet kemm fizikament kemm mentalment, u kont bezaghna hafna …” [fol.13 – 14].

In tema legali, dwar dan l-aspett tal-vis et metus, huwa rilevanti dak osservat minn din il-Qorti fil-kawza *PA[PS] Denise Borg vs Christopher Borg deciza fil-21 ta’ Ottubru 2002* u fil-kawzi hemm citati, fejn gew postulati s-segwenti principji:

Biex il-vjolenza morali tammonta tivvizja l-kunsens jehtieg li din tahkem fuq persuna ragjonevoli, u ggeghlha tibza’ li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqegheda ghal xejn b’ xejn f’ perikolu ta’ hsara kribra [Art.978[1]. Fi kliem iehor il-pressjoni jew vjolenza jehtieg li jkunu determinanti, ingusta u gravi. Fil-valutazzjoni, imbaghad, tal-kriterji tal-vjolenza ghandhom hjigu mehuda in konsiderazzjoni l-eta’, is-sess u l-kondizzjoni tal-persuna [Art.978[2].

It-termini “pressjoni” u “vjolenza” huma ekwipollenti ghal xulxin gjaladarba jista’ jkollok vjolenza meta jkun hemm

pressjoni gravi u ndebita *[App.Emanuel Falzon vs Anthony Farrugia – 21.04.1997]*

Hemm pressjoni jew vjolenza li jivvizjaw il-kunsens meta dawn jirriflettu u jinfluwixxu fuq il-kondizzjoni mentali tal-persuna tant li din ma tkunx libera li taghzel u taghmel dak li tixtieq, u biex tevita l-minaccja ta' dannu gravi, taghzel u taghmel dak li jiddettalha jew jrid haddiehor.

Tibqa' pero dejjem fil-prudenza tal-gudikant fuq il-provi akkwiziti, l-indagini tal-fatt dwar l-ezistenza o meno tal-vjolenza *[PA Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo – 14.11.1935]* Izda ghandha tintuza cirkospezzjoni biex ma jigix facilment annullat att li invece jisthoqqlu jibqa' fis-sehh *[App.Giuseppe Trichett vs Giorgio Mangion – 22.05.1931]*

"When giving the consent, the person must have enjoyed the degree of psychological freedom which is necesary, and sufficient to ensure his basic powers of choice [JR Keating] F' dan il-kaz il-kontendenti ma kellhomx il-liberta' ta' ghazla. Il-pressjoni tremenda ta' missier il-konvenuta, l-immaturita' u l-biza' tal-kontendenti wasslithom sabiex jizzewgu. Ma kienx hemm preparazzjoni, riflessjoni jew apprezzament tar-responsabilitajiet rizultanti minn dan il-pass." *PA[RCP] Emanuel D vs Veronica D – 02.04.2003]*

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti tosserva li fil-kaz in disamina jirrizulta car li hadd mill-partijiet ma verament ried jizzewweg, u l-kunsens taghhom matrimonjali kien vizzjat bi pressjoni qawwija da parti tal-genituri taghhom li jizzewwgu, ezercitata partikolarment fuq l-attrici tfajla ta' kwazi 20 sena li diga' kellha tarbija u kienet qeghda tistenna ohra; u li l-prospett li l-genituri taghha jwaqqfu s-sostenn taghhom jekk din ma taccettax li tizzewweg lill-konvenut, kien l-uniku motiv li wassal lill-attrici sabiex taghmel dan il-pass – pass li ma haditx volontarjment izda that pressjoni qawwija u insuperabbli u biza mit-theddid tal-genituri taghha: theddid gravi u ngust, u certament determinanti li ssoggetta l-volonta' tal-partijiet, partikolarment ta' l-attrici, ghar-rieda tal-genituri taghha.

F'dan il-kwadru, u tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti hija sodisfatta li jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [a] ta' l-imsemi Artikolu.

Illi f' dawn ic-cirkostanzi z-zwieg bejn il-partijiet kien destinat li jfalli, tant li wara sentejn zwieg, il-koppja sseparaw. Mill-komportament tal-konvenut ftit taz-zmien wara z-zwieg jirrizulta li dan ma kellux l-intenzjoni li jassumi l-obbligazzjonijiet matrimonjali, u di fatti baqa' jghix hajja ta' guvni, jitraskura lill-attrici, u anke jmur ma' nisa ohra. Dan ma giex kontradett minnu; u tenut kont li dan l-agir tieghu kien vicin wisq id-data taz-zwieg, u tenut kont tac-cirkostanzi li fih sar iz-zwieg, il-Qorti hija tal-fehma li fl-ghoti tieghu tal-kunsens matrimonjali, il-konvenut b'att pozittiv tal-volonta' tieghu internament eskluda obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali bazati fuq l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal konvivenza bejn il-konjugi bazata fuq il-ben essere reciproku, il-prokreazzjoni ta' l-ulied u t-trobbija ta' l-istess. Il-Qorti taqbel ma' l-attrici li l-konvenut qatt ma kellu l-intenzjoni li jikun fidil lejha; u ghalhekk anke minn dan l-aspett iz-zwieg huwa null fit-termini tal-paragrafu [f].

In vista tal-premessi konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta' Marzu 2002 fit-termini tal-paragrafi [a] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255

L-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------